MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 3025/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Antoinette Zammit u b'nota ta' l-10 ta' Gunju, 2003 is-socjeta' GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Antoinette Zammit assumiet l-atti tal-kawza fuq imsemmija bhala attur minflok GasanMamo Insurance Agency Limited u din in rapprezentanza tas-socjeta' CGU Insurance plc, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha Antoinette Zammit**

**vs**

**Peter Abela**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Dicembru,2003 fejn intalab il-hlas ta' mija u disa' u tmenin lira Maltija, erbghin centezmu (Lm189.40) u dawna rapprezentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru DAB 287 fis-27 ta' Gunju, 2002 fil-limiti ta' San Pawl tat-Targa, habat mal-vettura numru JFZ 888 propjeta' ta' Antoinette Zammit u kkaguna danni f'din l-istess vettura. Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 13 ta' Settembru, 2002 kontra l-konvenut u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut. Bl-imghax kontra l-istess konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-6 ta' Gunju, 2003, fejn intqal illi:**
**Il-konvenut jichad li huwa debitur ta' l-atturi fis-somma ta' mija u disa' u tmenin lira Maltija, erbghin centezmu (Lm189.40) stante li l-konvenut ma kkagunax danni fil-vettura ta' Antoinette Zammit numru tar-registrazzjoni JFZ 888 fl-ammont mitlub.**

**Sema' x-xhieda ta' John Callus, Raymond Debono, Jean Pierre Zammit u Peter Abela. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi s-socjeta' attrici qed titlob danni ghall-incident li sehh fis-27 ta' Gunju, 2002 fil-limiti ta' San Pawl il-Bahar.**
**2. L-assikurata kienet qed issuq il-vettura JFZ 888 filwaqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura DAB 287.**
**3. Dwar il-htija ta' l-incident ma hemmx dubbju illi ghalih kien jahti l-konvenut illi baqa' diehel fil-vettura ta' l-assikurata minn wara kif jirrizulta mill-*front to rear form* esebita a fol 2 tal-process.**

**4. Ghalhekk din il-kawza fil-fatt tirrisolvi ruhha biss dwar il-quantum tad-danni subiti.**
**5. Il-konvenut jinsisti illi peress illi hu dahal fil-bumper ta’ l-assikurata kullma kellha kien brix biss fil-bumper u skond hu l-bumper ma kien mghattan.**
**6. It-Tribunal jinnota illi l-bumper huwa tal-plastic u ghalhekk, kif fil-fatt xehed Raymond Debono, dana bid-daqqa tbewwaq u ghalhekk ma setghax jirranga ruhu. Dana wkoll jirrizulta mid-Dok JC 1 esebit.**
**7. Fil-fatt il-hsarat mitluba jirrizultaw mid-dokumenti a fol 3 sa 6 tal-process filwaqt illi s-survey a fol 7 tal-process kien gia ndika illi d-danni ser ikunu approssimattivament dawk mitluba. Ghalhekk l-ammont mitlub fil-fatt ma huwiex ammont esagerat u jirrifletti dak li hemm fis-survey u konsegwentement ghandu jigi milqugh.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u disa’ u tmenin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm189.40). Bl-imghaxijiet dekorribli kontra l-konvenut mill-4 ta’ April, 2003.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 13 ta’ Settembru, 2002 kontra l-konvenut u ta’ ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma’ l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------